# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 10/K7/12

**It-Tmintax-il Laqgħa Pubblika 2012**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 04/12/'12 293**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 04/12/'12 348**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Il-Kunsill Lokali San Ġiljan żamm it-tmintax-il Laqgħa Pubblika, skond kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar it-Tlieta 4 ta' Diċembru 2012.

1.02 Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.00p.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsillier John Agius
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Josianne Cutajar
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Skużat: Il-Kunsilliera Rita Portelli Dimech

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- Tnejn (4).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.07 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli wasal fis-6.15p.m.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-28 ta' Novembru 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2011 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2013 (Budget / Business Plan).

2. Ilmenti / Suġġerimenti.

1.2.02 Is-Sindku ppresieda l-laqgħa u beda billi ta merħba lir-residenti li kienu preżenti u għarrafhom li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

**1.3 Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2012 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2013 (Budget / Business Plan).**

1.3.01 Iċ-Ċermen qara r-rapport tax-xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2012 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2013 (Budget / Business Plan).

**2 Suġġerimenti / Ilmenti**

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn l-ilmenti:-

- Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-mużika eċċessiva li tinstema ħierġa mir-Ryans Pub u speċjalment fil-weekends, b'konsegwenza li qed tkun ta' inkonvenjent għar-residenti tal-viċinanza;

- Issir aktar sorveljanza mill-Pulizija fi Triq Lapsi speċjalment fi tmiem il-ġimgħa minħabba li qed ikun hemm ħafna vandaliżmu;

2.02 Is-Sur Joe Curmi ta' tifħir lill-Kunsill u lill-Amministrazzjoni għall-ħidma pożittiva tagħhom.

**3.** Iċ-Chairman irringrazzja lill-pubbliku preżenti u temm il-laqgħa fis-6.50p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |